MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2012

Appell Kriminali Numru. 404/2010

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Musab Miftah Al-Kalbash**

Il-Qorti,
Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fil-ghodwa ta' 22 ta' Lulju 2006 bejn l-4.00am u l-5.15am fl-inhawi ta' Paceville, gewwa San Giljan:

1. bil-vjolenza kkommetta stupru fuq il-persuna ta' Julia Windorbska;

2. bi vjolenza ikkommetta attentat vjolent ghall-pudur fuq il-persuna ta' Julia Windorbska;

3. bla ordni skond il-ligi ta' awtorita' kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew sekwestra lill-imsemmija Julia

Windorbska kontra l-volonta' taghha jew ta' l-post biex din il-persuna tigi arrestata, mizmuma jew sekwestrata u dan bhala mezz biex l-imsemmija Julia Windorbska tigi mgieghla taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha;

4. ikkommetta serq ta' apparat telefoniku cellulari ta' l-ghamla Nokia 7200 ta' kulur abjad u griz, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin u bil-valur u li sar ghad-detriment ta' limsemmija Julia Windorbska;

5. offenda l-pudur jew il-morali b'ghemil li sar f'lok pubbliku jew lok espost ghall-pubbliku.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-27 ta' Settembru, 2010 fejn sabet l-akkuzat hati tat-tieni, t-tielet u r-raba akkuzi, l-hames assorbita fit-tieni u illiberatu mill-ewwel. Rat l-Artikolu 207, 86, 87(g), 261(f), 270, 281(a) u 17(b) tal-Kap 9. Ikkundannatu sbatax il-xahar prigunerija li minnhom jitnaqqsu dawk li l-akkuzat gia' ghamel taht arrest preventiv. Rat l-Artikolu 533 tal-Kap 9 u ikkundannat l-akkuzat ihallas l-ispejjez kollha inkorsi fin-nomina ta' esperti fil-proceduri u dan fi zmien xahar minn meta jircievi l-avviz ghal hlas mir-Registratur ta' dawn il-Qrati.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-7 ta' Ottubru, 2010 fejn talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn l-appellant ma nstabx hati ta' l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tirrevokaha fejn l-appellant gie misjub hati tat-tieni, t-tielet u r-raba` akkuzi (bil-hames assorbita fit-tieni), tirrevokaha fejn ordnat lill-appellant ihallas l-ispejjez inkorsi fin-nomina tal-esperti u minflok tilliberah minn kull htija u piena u okkorrend jkun il-kaz, subordinament tipprovdi ghall-piena aktar mita u idoneja.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe':-

Illi hija l-fehma umli tal-appellant li l-Ewwel Qorti ma setghetx a bazi tal-provi migjuba mill-prosekuzjoni ssib htija fil-konfront tal-appellant u dan ghar-ragunijiet li ser jigu hawn esposti;

Illi jibda biex jinghad illi l-akkuza l-aktar serja debitata lill-appellant kienet dik ta' stupru vjolenti fuq il-persuna ta' Julia Windorbska u mill-provi kollha johrg b'mod mill-aktar car illi l-alletaga vittma f'dan il-kaz gidbet meta allegat li l-appellant kien stuprha;

Illi l-gideb ta' Windorbska f'dan il-kaz huwa kkonfermat tista` tghid lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni mix-xhieda tal-espert medico legali t-tabib Mario Scerri u tas-serologista Robert Cardona, illi t-tnejn kkostataw illi ma kienx hem mil-penetrazzjoni mehtiega biex tissusisti l-akkuza ta' stupru vjolenti;

Illi ghaldaqstant, wiehed jistaqsi kif, gialadarba Windorbska ma kienitx veritiera f'dak li allegat fir-rigward tal-istupru li allegatament wettaq fuqha l-appellant, wiehed jista` jqisha bhala xhud kredibbli f'dawn ic-cirkostanzi;

Illi l-appellant ssa minn dejjem chahad l-akkuzi migjuba kontra tieghu u fix-xhieda tieghu huwa ddeskriva b'mod car u inekwivoku dak li fil-fatt kien gara;

Illi bir-rispett kollu dovut, il-fatt li l-appellant jidher f'fotogramm (folio 19 tal-process) izomm id il-kwerelanta resqin – il-barra mill-arja taz-zfin, m'hijiex prova li tista` qatt tikkonvinci lill-hinn mid-dubju dettat mir-raguni li fil-fatt dawn illontanaw ruhum mill-post fil-kumpanija ta' xulxin;

Illi minghajr pregudizzju, anki kieku stess dawn allontanaw ruhhom fil-kumpanija ta' xulxin, dan ma jikkostitwix prova li l-appellant issekwestra lill-kwerelanta u li sahansitra ikkommetta attak vjolenti fuq il-persuna taghha;

Illi fil-verita` jidher li l-Ewwel Qorti strahet fuq dak li xehdet il-kwerelant u ttimbrat ix-xhieda taghha bhala 'kredibbli'.

Din hija kontradizzjoni kbira mas-sentenza innifisha ghax kif jista` jkun li l-kwerelanta hija kredibbli meta fil-fatt ma sehhx l-aktar reat serju li allegat?;

Illi kif inghad aktar kmieni, l-kwerelanta diga inqabdet f' gidba sfaccata meta allegat li kien hemm stupru u bl-istess argument, setghet facilment, anzi t-tezi tad-difiza hija li huwa ferm probabbli li l-kwerelanta gidbet fuq diversi affarjiet ohra;

Illi l-appellant umilment jissottometti illi l-provi tad-difiza lahqu l-livell mehtieg tal-probabbli fejn f' kuntrasst mal-provi tal-prosekuzzjoni, lanqas dan il-livell ma ntlaqhaq ahseb u ara kemm intlahaq il-livell mehtieg li jigi pruvat li sehh ir-reat lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni;

Illi fir-rigward tat-telefon cellulari, ghalkemm huwa vera li l-prova cirkostanzjali li l-imsemmi telefon cellulari nstab fil-pussess ta' l-appellant, l-appellant jissottometti li ma jezistux l-elementi mehtiega biex jissussisti r-reat addebitat u dan primarjament ghax l-appellant ma setgha qatt kellu l-intenzjoni doluza li jaghmel gwadann jew qliegh minn oggett propjeta` ta' haddiehor u dan ghaliex dan it-telefon l-appellant sabu mal-art fl-istess arja fejn kienet qeghdha tisfen il-kwerelanta u allura huwa ferm probabbli li fil-fatt dan waqalgha bil-moviment ta' gisimha u l-appellant gabru bhala oggett mitluf.

<u>Aggravji dwar il-piena</u>

Illi minghajr pregudizzju, in kwantu ghall-piena, l-appellant umilment jissottometti illi piena karcerarja effettiva ta' sbatax il-xahar prigunerija hija piena eccessiva ferm u li zgur mhux idonea fic-cirkostanzi.

Illi l-appellant mizzewweg mara Maltija u ghandu familja u tifel minorenni, kif ukoll impjieg fiss u f'kaz ta' piena karcerarja effettiva, din se tikkrea tbatija kbira u bla bzonn fuq persuni li zgur ma ghandhom x'jaqsmu xejn ma dan il-kaz;

Illi inoltre, huwa ampjament car, illi anki f'kaz ta' htija, l-appellant ma jixraqlux piena ta' habs effettiva izda ghandu jinghata piena ta' habs sospiza jew tinhareg ordni ta' probation u dan ghar-ragunijiet premessi aktar kmieni;

Ikkunsidrat.

Jirrizulta mill-provi illi fis-sieghat bikrin ta' fil-ghodu tat-22 ta' Lulju 2006 waqt illi l-parti lesa, Julia Windorbska, Pollakka ta' 20 sena kienet qed tizfen fi stabbilliment maghruf bhala "Havana", fi Triq San Gorg, Paceville, beda jizfen hdejjha l-appellant u jdejjaqha u jaghtiha fastidju bl-agir tieghu. F'hin minnhom il-parti lesa ndunat illi l-portmoney kien naqsilha. U l-appellant offra illi jfittex il-portmoney u jgibulha. Wara ftit, l-appellant gie hdejn il-parti lesa u qalilha illi sab il-portmoney taghha, u stedinha biex tmur mieghu ghax skont hu hallas hafna flus biex igib dak il-portmoney. L-appellant qabdilha idejjha u harigha barra mill-istabbiliment u hadha aktar 'l isfel fl-imsemmija triq fejn kien hemm roqgha izolata mill-pubbliku. U hawn hekk, skont il-parti lesa, l-appellant stupraha. F'dan l-incident naqsilha wkoll it-telefown cellulari li sussegwentement instab fil-pussess ta' l-appellant. Minn ezamijiet forensici pero' , t-tobba u l-esperti eskludew illi kien hemm penetrazzjoni, ghad illi fuq il-persuna ta' Windorbska kien hemm grif illi kien jidher illi l-persuna giet soggetta ghal xi aggressjoni.

Ikkunsidrat.

L-aggravju ta' l-appellant huwa f'zewg taqsimiet. Wahda minnhom tikkoncerna l-provi fejn skont hu dawn ma jwasslux sal-grad li trid il-ligi biex turi illi l-appellant kellu jinstab hati u t-tieni u fi kwalunkwe kaz, il-piena erogata kienet esagerata. Rigward l-ewwel aggravju, l-appellant jghid illi originarjament kien akkuzat bi stupru vjolenti izda dana ma rrizultax 'il ghaliex kien hemm verzjonijiet konfliggenti moghtija mill-parti lesa li ma kienetx kredibbli. Fix-xhieda taghha, din ta' l-ahhar qalet illi giet stuprata u kien hemm il-penetrazzjoni minn naha ta' l-appellant. Mentri minn rizultati medici u forensic, dana gie eskluz.

Ghalhekk la darba kienet qed tigdeb fuq haga, allura ma kelliex titwemmen fuq ‘l ohrajn ghax il-verzjoni taghha ma setghetx tigi korraborata. Rigward il-piena, 17 –il xahar prigunerija huma wisq. L-appellant instab hati fuq reati minuri u l-Qorti setghet tapplika sentenza sospiza jew anqas.

Il-Qorti ma taqbel xejn ma dan l-argument u ma tarax verzjonijiet konfliggenti moghtija mill-parti lesa. Il-Qorti tifhem is-sitwazzjoni illi din ta’ l-ahhar sabet fiha, fejn kontra l-volonta taghha, sabet ruhha tissubixxi ghat-tenzjonijiet mhux graditi minn naha ta’ l-appellant biex imbaghad ukoll kontra l-volonta taghha harigha barra mill-istabbiliment fejn kienu biex hadha post imwarrab u aggrediha wara li kien nehhielha parti mill-hwejjeg illi kellha fuqha. F’dik is-sitwazzjoni l-Qorti tifhem il-paniku illi seta’ qabadha l-parti lesa fejn ma setghetx tirrezisti l-aggressjoni ta’ l-appellant, li kienet taf u tissopponi din l-aggressjoni f’hiex kienet ser twassal. Kien ghalhekk illi mehud din is-sitwazzjoni, l-Qorti ma tiskanta b’xejn illi l-parti lesa hasset u emmnet illi kien hemm penetrazzjoni. L-espert forensiku Dr. Mario Scerri kien ferm kawt fil-konkluzjoni tieghu meta jghid “illi ma kienx hemm lezjonijiet friski fuq il-partijiet genitali li jindikaw li seta’ kien hemm penetrazzjoni sfurzata.” Din il-konkluzjoni ma jfissirx illi ma setax kien hemm penetrazzjoni imma jekk kien hemm, din ma hallietx sinjali. Fuq dan il-Qorti tat il-beneficcju tad-dubbju lill-appellant illi ma sabitux hati ta’ stupru vjolenti, avolja setghet facilment toqghod fuq il-verzjoni biss tal-parti lesa illi dikkjarat kategorikament illi kien hemm penetrazzjoni.

Din il-Qorti issib illi l-verzjoni moghtija mill-parti lesa hija wahda veritjiera u tista’ toqghod fuqha. Mhux l-istess jista’ jinghad fuq il-verzjoni ta’ l-appellant li gideb kemm felah u jmeri l-provi skjaccanti illi kien hemm fil-konfront tieghu sabiex jipprova jiskolpa ruhu. Attentat fjakk illi sahhah id-determinazzjoni ta’ din il-Qorti dwar il-htija ta’ l-appellant. L-ewwel Qorti ghamlet bl-aktar mod ghaqli l-kummenti taghha dwar il-verzjoni moghtija mill-appellant u ghaliex dina ma kelliex tkun kredibbli. Din il-Qorti taqbel ma dawn l-argumenti u thoss ukoll li l-appellant ma kellux jigi

emmnut.  Ghalhekk din il-Qorti thoss illi l-ewwel Qorti fuq il-provi illi kellha quddiemha, setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha.  Ghal dak li jirrigwarda l-piena, l-principju regolatur hu li mhux normali li din il-Qorti tiddisturba d-deskrizzjoni ta’ l-ewwel Qorti jekk il-piena inflitta tkun tidhol fil-parametri tal-Ligi u ma jkun hemm xejn x’jindika illi kellha tkun anqas minn dak li tkun fil-fatt.
Din il-Qorti thoss illi l-piena inflitta fil-fatt tidhol fil-parametri tal-ligi.  Anzi, fl-opinjoni ta’ din il-Qorti hija baxxa wisq ghar-reat illi wettaq l-appellant.  Pero’ l-Qorti hija prekluza milli taghti piena oghla min dak erogat mill-Qorti tal-Magistrati. U ghalhekk, anke hawnhekk, il-Qorti jidrilha illi ma tistax tiddisturba d-deskrizzjoni ta’ l-ewwel Qorti.

Ghal dawn il-mottivi, l-Qorti taqta’ u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------